BANK ĊENTRALI TA' MALTA
EUROSISTEMA
CENTRAL BANK OF MALTA

STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA

**Data tal-Pubblikazzjoni: 12 ta' Jannar 2010**

**Suġġett: Regolament KE 924/2009 tal-Parlament Ewropew dwar ħlasijiet transkonfinali**

Il-Bank Ċentrali ta' Malta qed javża li d-Direttiva Nru. 3 tal-Bank dwar trasferiment ta' kreditu minn pajjiż għall-ieħor qed tiġi sostitwita minn Regolament KE 924/2009 tal-Parlament Ewropew, u għalhekk qed tiġi rtirata. Ir-Regolament 924/2009 jieħu post Regolament KE 2560/2001 li kien revokat fl-1 ta' Novembru 2009.

Ir-Regolament 924/2009 jintroduċi miżuri li jiffaċilitaw l-awtomatizzazzjoni tal-ħlas. Barra minn hekk jistipula li l-ispejjeż għal ħlasijiet minn pajjiż għall-ieħor flż-Żona Ekonomika Ewropea m'għandhomx ikunu differenti minn dawk imposti fuq pagamenti magħmula lokalment, u jirregola l-ispejjeż marbuta mal-iskambju tad-debitu dirett bejn min jipprovdi s-servizz. Kull min joħroġ *invoice* jew talba għal pagament hu wkoll mitlub permezz tar-Regolament li jikkwota fuq l-*invoices* jew kontijiet in-Numru Internazzjonali tal-Kont Bankarju (IBAN) u l-Kodiċi tal-Identifikazzjoni tal-Bank (BIC) fejn applikabbli, filwaqt li min jagħmel il-ħlas hu mitlub li jikkwota l-IBAN u l-BIC ta' min se jitħallas meta jsir il-pagament sabiex jibbenefika mill-provvedimenti tar-Regolament.

Ir-Regolament sħiħ jinsab fis-sit elettroniku segwenti: http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=OJ:L:2009:266:0011:0018:MT:PDF